# QORTI L-MAGISTRATI (MAL)
# BHALA QORTI ’ GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).**

Illum 29 ta’ Novembru, 2001.

Il-Pulizija,

(Spettur John Sacco)

vs

Jonathan Cortis.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra Jonathan Cortis ta’ 21 sena bin Nazzareno u Carmen nee Barbara, mwieled Tal-Pieta` u residenti Block A, Flat 5, Triq il-Kbira, Zebbug, detentur taln-karta ta’ l-identita` numru 312978(M);

Akkuzat talli fil-5 ta’ Lulju 1999 u fil-granet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer:

1. ikkommetta serq ta’ oggetti tal-gild u oggetti ohra li jiswew aktar minn mitt lira (Lm100) izda anqas minn elf lira (Lm1000) ghad-dannu ta’ Mario Borg minn Haz-Zebbug u persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur lok u hin;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti giet mitluba biex tapplika l-piena skond il-ligi u tordna lill-imputat li jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 l-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat n-nota ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha u tigi deciza bi procedura sommarja mhux opposta mill-imputat;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat volontarjament u inkondizzjonatament ammetta l-akkuzi l-lum stess. Fuq din l-ammissjoni l-Qorti qed tiddikjara l-imputat hati tat-tieni imputazzjoni li mill-atti u l-provi tirrizulta kontra l-imputat ad eskluzjoni l l-ewiel impuzzjoni.

Il-qort! tosserva li l-akkuzi huma l serq u ricetzz-oni i
huma ghad-esklusjoni , xulxin.

Ghalhekk u fil-waqt A qeghdha tillibera I-imput mill-ewwe.~akkuza, cioe dik rigwardanti s-serq, qeghdha issibu hati ttieni u cioe r-ricetzzjoni. Rat l-Artikolu 344 l-Kap 9 u tiddecidi li tilibera lill-imput ht l-Artikolu 9 l-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f1perjodu l tlett snin mill-lum.

Rat ukoll l-Artikolu 533 l-Kap 9 u tordna l-imput A ihallas l-ispejjes l-Periti nominati in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri u dan fi zmien xahar minn me jigu notifikati lilu mir-Registratur ’ dawn il-Qrati.

A. M. Trigona,
MAGISTRAT.

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar ghrif u hila tieghi r-registrazzjoni t-‘pe’.

Albert P. Calleja,
Dep. Registratur.